# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Frar, 2001.**

**Numru 2**

**Citaz. Nru. 104/01GV**

**ATV Travel Limited**

**vs**

**Seven Apartments International Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' elfejn tmien mija u hames liri (Lm2,805.00,0) rapprezentanti prezz ta' servizzi moghtija mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta;

Premess illi din is-somma hija dovuta ghal: (a) elf erbgha mija u hamsin lira (Lm1,450.00,0) skond fattura tas-socjeta' attrici bin-numru tnejn tnejn sitta (226) mahruga fid-disa' u ghoxrin (29) ta' Frar, 2000, (b) hames mija u wiehed u disghin lira (Lm591.00,0) skond fattura tas-socjeta' attrici bin-numru tnejn sitta sebgha (267) mahruga fit-tnejn (2) ta' Marzu, 2000, u (c) sebgha mija erbgha u sittin lira (Lm764) skond fattura tas-socjeta' attrici bin-numru tlieta sitta hamsa (365) mahruga fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu, 2000, dan kollu skond ma jidher minn kopji ta' fatturi hawn ilkoll annessi bhala dokumenti u mmarkati bl-ittri minn "A" sa "C";

Premess illi ghalkemm debitament interpellata sabiex thallas dan l-ammont ukoll permezz ta' ittra nterpellatorja datata hdax (11) ta' Settembru, 2000 u ittra ufficjali datata hdax (11) ta' Ottubru, 2000 (kopji

hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti bl-ittri “D” u “E” rispettivament), is-socjeta’ konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti;

Premess illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut;

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elfejn tmien mija u hames liri (Lm2,805.00,0);

2. Tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja datata hdax (11) ta’ Settembru, 2000 u tal-ittra ufficjali datata hdax (11) ta’ Ottubru, 2000, u bl-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**